MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 425/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Dennis Theuma)**
**Vs**
**Joseph Cioffi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 221579(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-22.07.2006 f'dawn il-Gzejjer:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita'

moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt(6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru, 2011, li biha wara li rat ir-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolamenti tas-sena 1939, GN 292/1939, l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi hekk kif migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu piena karcerarja effettiva ta' sentejn habs u multa ta' €3,000.
Ordnat ukoll il-konfiska tal-flejjes gia esebiti bhala SB 260.2006.
Ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga kollha KB 16.2008, u ghal dan l-iskop hatret lis-Sur Godwin Sammut.

Ma ordnatx il-konfiska tal-vettura KAS575 stante li ma ngabet ebda prova dwar is-sid ta’ l-istess.
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €669.45.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena u fi kwalunkwe kaz tirriformaha dwar il-piena billi taghti wahda illi aktar taghmel ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
1. Prova ta’ fingerprints. Il-prosekuzzjoni ppruvat tressaq ‘il quddiem prova ta’ fingerprints u din irrizultat jew inkonklussiva jew fin-negattiv. Issa jekk wiehed ikun qieghed isorr u jmiss l-oggetti li jkollu ghal bejgh, il-probabbilita` kbira hija illi huwa jhalli l-fingerprints tieghu fuq il-qratas jew l-oggett li jkun. Iktar u aktar fuq il-borza tal-plastik illi kienet f’idejh. Din il-prva hija negattiva pero` negattiva tfisser ukoll illi hija ndizju illi Joseph Cioffi dik il-borza ma kienx qieghed imissha spiss b’idejh ghaliex b’xi mod jew iehor, jew bil-palma tal-id jew bis-swaba, xi marka se jhalli fuqha u llum bis-sistema tal-points illi tezisti l-probabbilita` illi jkun hemm marka illi taqbel kibret u kibret sostanzjalment.
2. Illi l-verzjoni illi ta Cioffi quddiem l-Ewwel Qorti, sostanzjalment ma gietx ikkontestata. Ghaliex f’dan il-pajjiz qed jigri illi dak illi jinqabad l-ewwel u jsemmi lil xi hadd, huwa dak illi jsemmi lil haddiehor li jigi emnut u ma jigix emnut min jista` jkun vittma ta’ haddiehor?

F’dan il-kaz kien Joseph Cioffi stess illi meta gew il-pulizija qabad il-borza, ikkonsenjaha hu stess lil pulizija illi qal u ddeskrivih bhala wiehed b’xaghru innukklat li pero` l-prosekuzzjoni ma ressqitux biex jixhed kif jirrizulta mill-istess sentenza.

Illi l-pulizija tad-droga ma jkollhomx numru u allura l-esponenti ma kienx f'qaghda illi b'xi mod ikun jaf lil min ta l-borza illi kien waddabblu Bianchi stess.

Illi l-verzjoni illi ta Joseph Cioffi, qasira kemm hi qasira, ma setghetx kienet itwal ghaliex dawk kienu l-ftit mumenti illi huwa kelem lil Emanuel Bianchi li gie u qabad u waddabblu l-affarijiet ghax induna bil-pulizija. U kellu l-esperjenza. Kellu l-esperjenza ghax dawk l-istess pulizija kien iltaqa` maghhom il-Fgura. Il-fatt illi ma sabux id-droga ghand Bianchi l-Fgura ma jfissirx illi huwa sakemm wasal Haz-Zabbar ma ghaddiex minn postijiet minn fejn seta` gabar l-istess droga jew inkella kienet mohbija tant tajjeb ghandu illi ma nstabitx mill-pulizija f'dak il-mument.

3. Dwar il-piena. L-esponenti jsostni illi kif xehdet Victoria Scicluna huwa ghamel programm tar-riabilitazzjoni tad-droga u wara li ghamel sforzi konsisteni u ghamel sforzi biex johrog mill-vizzju u dan ghamlu b'success, hames snin wara illi graw l-allegati fatti, huwa jsib ruhu kkundannat ghal prigugnerija. It-terminu tal-prigunerija huwa rilevanti kif ukoll hija rilevanti l-piena tal-multa.

Illi l-esponenti certament jimmerita illi anke kieku kellha tigi konfermata r-rejita mitigazzjoni fil-piena. L-argument illi kollox huwa fil-parametri tal-piena jigi sottomess illi m'huwiex il-kriterju tal-gustizzja. Jinghad ukoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti sabitu hati taz-zewg akkuzi. Fil-fatt it-tieni akkuza hija kompriza u involuta fl-ewwel akkuza u ghalhekk fid-dikjarazzjoni ta' rejita certament din ghandha tinbidel u la tkun waqghet akkuza r-rizultat necessarju huwa li titnaqqas il-piena.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Konsiderazzjonijiet Forensiċi**

Qabel tgħaddi għall-aggravji, ma jidhirx li kien hemm xi kuntrast dwar li s-sustanza li nstabet kienet droga, li l-ammont ta’ drog misjuba fid-29 qartas kien ta’ 7.688 grammi ta’ erojina li kellha purita’ ta’ madwar 33%.

Lanqas ma kien hemm xi nuqqas ta’ qbil dwar il-gravanti tad-distanza għaliex id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ssir tali prova.

Meta kien estiż l-inkarigu tal-espert analista dan ikkonkluda li kien hemm similanza kemikali bejn l-erojina li nstabet għand l-appellant u dik li nstabet f’ħalq Emmanuel Bianchi.

Min-naħa l-oħra l-eżami komparattiv li għamel l-espert Joseph Mallia bejn l-impronti diġitali u tal-palma tal-id tal-imputat u l-lifters elevati minn PS 659 Jeffrey Hughes fuq il-qratas elevati minn fuq u minn għand Bianchi u Cioffi ta riżultanzi inkonklussivi fl-ewwel lok u negattiv fuq impronta oħra.

**Eżami tal-Aggravji**

Dan l-appell għandu tliet aggravji u l-Qorti sejra teżaminhom seriatim.

**L-ewwel Aggravju**

L-ewwel aggravju huwa li l-prova negattiva dwar il-fingerprints hija indizju li l-appellant ma kienx qiegħed imiss il-borża b’idejh għaliex li kieku xi marka kien ser iħalli fuqha.

Fil-fehma tal-Qorti, ir-riżultat inkonklussiv tal-fingerprints jindika biss li l-Prosekuzzjoni ma setgħetx toqgħod fuq din il-prova forensika bħala prova. U filfatt l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tat ebda importanza lil dan id-dokument għax jekk id-dokument ma takx prova ma tistax tqisu bħala xi indizju li jorbot lill-appellant mar-reat li twettaq.

In-nuqqas ta’ fingerprints ma jfissirx li l-każ jieqaf hemm għaliex il-provi jistgħu jsiru mod ieħor. Bl-ebda mod ma wieħed jista’ jiġbed il-konklużjoni li għax il-fingerprints ma ħarġux, allura m’hemm ebda ness bejn is-sustanza li nstabet u l-appellant. Dan in-ness jista’ jkun stabbilit mod ieħor.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-ewwel aggravju.**

**It-Tieni Aggravju**

It-tieni aggravju huwa li l-verżjoni li ta l-appellant ma setgħetx kienet itwal għax huwa ddeskriva ftit minuti biss. Barra dan, l-appellant jissottometti li mhux sewwa li min inqabad l-ewwel u jsemmi lil xi ħadd, allura għandu jitwemmen dan u mhux it-tieni persuna li tinqabad.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa x-xhieda li ta Emanuel Bianchi quddiem il-Qorti (f’dik il-fażi istruttorja) (fol 56), fid-depożizzjoni ġuramentata kif ukoll meta reġa’ ttella’ mid-difiża. Jekk xtara l-erojina darba minn għand l-appellant ma qalx li xtara aktar minn darba ( u jirripeti l-istess a fol 62). Qal kemm ħallas u nqabad bis-sustanza f’ħalqu. Indika lill-appellant fl-Awla u kkonferma d-depożizzjoni ġuramentata li kien għamel fejn qal li meta qabduh il-Pulizija huwa kien għadu kemm xtara l-erojina minn għand l-appellant. Meta kien mistoqsi jekk kienx hu li ta d-droga lill-appellant, huwa mill-ewwel ċaħad u qal :

‘Ngħidlek li giddieb għax jiena sempliċiment xtrajt pakkett tal-five u ħallast Lm4.’

Baqa’ sħiħ fil-kontro-eżami li sar meta xehed l-ewwel darba. U kompla ma ċċaqlaqx mill-verżjoni tiegħu meta reġa’ xehed fit-tieni kontro-eżami a fol 229. Huwa ċaħad li hu kellu xi affarijiet lil waddabhom lil Cioffi fil-karozza. (fol 230) Imbagħad a fol 232 huwa reġa’ ikkonferma li kien xtara d-droga minn għand l-appellant.

Il-Qorti qabblet din il-verżjoni ma’ dak li qal l-appellant a fol 245 et:

‘Dak in-nhar kont qiegħed il-venda ta’ Ħaż-Żabbar. Kont mort nirreġistra u ġie Bianchi, wieħed jismu Bianchi. Kien qalli li waqqfuh is-CID il-Fgura u search ma tawhx, qalli waħda fuqi, qalli kienu sabuli xi labar u imbagħad ħallewni nitlaq. Dak il-ħin stess qabad il-pakketti u waddabhomli. Ġew is-CID’s u għajjattlu ‘l wieħed minnhom u tajthomlu jiena stess f’idu.’

Il-verżjoni li l-appellant ta l-boroż lil xi ħadd ‘bin-nokkli’ ma tidhirx sorretta b’dak li xehdu l-Ispettur Dennis Theuma, WPC 86 Diane Fenech (fol 21) – li rat xi ħaġa bajda f’ħalq Emanuel Bianchi- PC 213 Nicolai Borg (a fol 69) li ra l-boroż f’idejn l-appellant, u PC 47 Chris Frendo (fol 72).

Dan tal-aħħar mhux biss qal li l-appellant kellu xi pakketti qishom qratas żgħar u żewġ karti taż-żewġ liri Maltin li kienu **għadhom romblu** f’idejh iżda żied ukoll jgħid li kienu l-Pulizija li ppreservaw dak li kien hemm fil-karozza u mhux li l-appellant ta l-qratas lill-Pulizija.

Iżda l-Qorti wiżnet ukoll dak kollu li qalu l-uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post li kollha raw l-istess mossi – jiġifieri ta’ Emmanuel Bianchi jersaq lejn il-karozzi tal-appellant. Wara nstab Emmanuel Bianchi f’qartas f’ħalqu.

Li kieku kien Bianchi li ta d-droga lill-appellant, ma kien jagħmel ebda sens li Bianchi joqgħod iżomm pakkett għalih. Jekk int is-supplier u trid tinqeda int ukoll, huwa loġiku li taħseb xi ftit għal rasek billi tħalli xi ftit tad-droga għalik fejn tista’ ssibha u teħodha bil-kwiet u mhux toqgħod iżżomm pakkett fuqek.

Fl-aħħarnett il-Qorti qieset ukoll id-dettalji li ta dwar l-akkwist – li l-pakkett kien tal-five u ħallas Lm4 u l-‘iter’ ta’ x’kien ġara f’dak il-jum.

Meta l-Qorti qieset dawn il-fatturi kollha f’daqqa, ma tara ebda raġuni għala għandha tasal għal xi konklużjoni differenti minn dik li waslet għaliha l-Ewwel Qorti.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.

**It-Tielet Aggravju – Il-Piena**

Barra pieni konsegwenzjali, il-Qorti tal-Maġistrati imponiet piena karċerarja ta' sentejn u multa ta' €3000.

L-appellant jissottometti lu huwa għamel programm għar-riabilitazzjoni b'suċċess. Barra dan it-tieni akkuża hija kompriża u nvoluta fl-ewwel akkuża u għalhekk id-dikjarazzjoni ta' reita' għandha tinbidel u magħha għandha titnaqqas il-piena.

Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat kemm it-traffikar kif ukoll li l-appellant kellu droga f'tali ċirkustanzi li juru li din ma kinitx intiża għalih. Ma' dan hemm il-gravanti tad-distanza li japplika għaż-żewġ imputazzjonijiet li d-difiża aċċettat dan il-gravanti kif jidher mill-verbal a fol 135. Iżda wkoll jekk wieħed iqis li t-tieni imputazzjoni hija mezz għall-fini ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9, xorta l-piena tibqa' fil-parametri tal-Liġi.

Mil-lat pożitiv, il-Qorti tinnota li wara l-mewt ta' missieru, l-appellant beda jieħu ħsieb t'ommu u dan kif jirriżulta mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tas-Sedqa.

Imma mal-lat negattiv, il-Qorti ma tistax ma tikkonsidrax il-post fejn kien qed ibigħ id-droga l-appellant, l-ammont ta' qratas involuti, l-ammont ta' droga involuta (7.688grammi) u t-tip ta' droga (erojina).

Għalhekk ser tilqa' dan it-tielet aggravju in parti biss.

**Konklużjoni**

Il-Qorti għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Joseph Cioffi' billi tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, fejn ikkundannatu għal sentejn priġunerija u fejn ordnat il-konfiska tal-flus esbiti bħala SB 260.2006 u fejn ma ordnatx il-konfiska tal-vettura KAS 575 u qed tirriformha f'dik il-parti fejn il-Qorti

tal-Maġistrati  kkundannat lill-appellant iħallas multa ta' €3000 u minflok qed tikkundanna lill-appellant iħallas multa ta' €2500.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------